MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru. 274/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**RYAN BRIFFA**
**(ID Nru. 169990M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 274/2015

Illum, 12 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ryan Briffa, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 169990M.

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer fl-ghaxra (10) ta` Marzu 2015:

1. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lill-haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-Ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht id-disposizzjonijiet ohra ta` dan il-Kodici jew ta` ligi ohra;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b’ghajjat u glied;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Peugoet bin-numru tar-registrazzjoni CAB824 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura

U aktar talli b’hekk renda ruhu recediv ta` diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex f’kaz ta` htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 95, 338 (ee), 338 (dd), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebdda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u specjalment il-fedina penali tal-imputat li ghandha x'taqsam biss ma` reati in konnessjoni mat-traffiku, temmen li piena karcerarja effettiva mhix adegwata.

Ghaldaqstant, filwaqt li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien sena (1) mil-llum, il-Qorti qiedgha tappunta *probation officer* sabiex specifikament tghin lill-imputat fl-istudju sabiex huwa jista` jakkwista l-licenzja tas-sewqan a tenur tal-Artikolu7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, qieghda wkoll tinfliggi multa ta` tmien mija u tmenin ewro (€880) bi tmintax (18) il-xahar zmien ghall-hlas fil-konfront tar-reat a tenur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------